# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 30 ta' Mejju 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Jamal Al Badawi**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: JAMAL AL BADAWI ta' tlieta u erbgħin (43) sena, iben Rajab Ahmed u Hawa El Gadi li twieled ġewwa l-Greċja nhar id-19/07/1981, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Karta ta' l-Identita' 0023508A u tal-Passaport bin-numru AE394587;**

***Akkużat talli:*** *nhar fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u ghoxrin (2025) bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (17:00) u is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30) u/jew f'ħinijiet qabel u/jew wara, ġewwa Verdala Apartments, Triq Salvu Pivitera, San Ġiljan, Malta kif ukoll f' Flat 2 tal-istess indirizz u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer;*

*1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ, mobbli u mmobbli fejn l-ammont tal-ħsara jiskorri l-elfejn u ħames mitt ewro (€2500), liem sar għad-dannu ta' Jegede Solomon Oluwatobi, Rikta Chakraborty, Carlo Marino u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;*

*2. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Jegede Solomon u Rikta Chakraborty biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom jew kontra l-persuna jew l-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti u aħwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imġieba*

*tiegħu kienet ser tikkaġuna biża u dan bi ksur tal-artikolu 251B(1) u 251H sub-inċiż(i) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;*

*U nakkużawh ukoll talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u ghoxrin (2025) bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) u it-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30) u/jew f'ħinijiet qabel u/jew wara, ġewwa Spinola Park, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer;*

*3. Bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe serq, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema delitt kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur liema valur ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu ta' Shuqiao Zhou u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra u dan bi ksur u ai termini tal-artikoli 41(1)(a), 261(a)(ċ), 262(1)(a), 262(2), 267, 276, 279(b), 280(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;*

*4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ, mobbli fejn l-ammont tal-ħsara ma kienetx tiskorri mitejn u ħamsin ewro (€250), liem sar għad-dannu ta' Shuqiao Zhou u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;*

*5. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Shuqiao Zhou biża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tiegħu jew kontra l-persuna jew l-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti u aħwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet ser tikkaġuna biża u dan bi ksur tal-artikolu 251B(1) u 251H sub-inċiż(i) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;*
*U nakkużawh ukoll talli fl-istess data/i, ħin, lok u ċirkostanzi:*

*6. Għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ u dan bi ksur tal-artikolu 388(w) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;*

*7. Wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2025 mill-Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia LL.D, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

*8. Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;*

*Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta` parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun*

*ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħati sabiex jirrestitwixxi lil parti offiża kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali (Dok JC 9), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (Dok JC 10) u l-atti processwali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu** anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ssuggeriet piena komplessiva ta' tlett snin prigunerija effettiva li huwa l-minimu f'dan il-każ bl-applikazzjoni ta' l-Art. 17(b) tal-Kap. 9 u kif ukoll li jkun hemm ordni ta' restituzzjoni taħt l-Art. 15A tal-Kap. 9 lill-vittmi. Id-difiza ssottomettiet illi l-imputat għandu problema ta' droga u talbet li jinzamm fit-taqsima forensika u jingħata l-għajnuna meħtiega filwaqt li qablet mal-piena suggerita.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija, ċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom illum.

***<u>DECIDE</u>***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(a), 251B(1), 251Ħ sub-inċiż(i), 41(1)(a), 261(a)(ċ), 262(1)(a), 262(2), 267, 276, 279(b), 280(2) u 289, 325(1)(ċ), 49, 50 u 289, 15A u 17(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **<u>JAMAL AL BADAWI</u>** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu

u tikkundannah **<u>għal perijodu komplessiv ta' tlett (3) snin priġunerija. Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża ossia lill-Jegede Solomon Oluwatobi, Rikta Chakraborty, Carlo Marino s-somma ta' elfejn seba mija seba u għoxrin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2727.55) u lill-Shuqiao Zhou s-somma ta' mitejn Ewro (€200).</u>**

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sabiex il-ħati jinżamm jekk ikun il-każ fis-sezzjoni forensika u sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa kontra l-vizzju tad-droga.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur** **30 ta' Mejju 2025**